



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

8.2.2010

0008/2010

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fil-Litwanja

**Ryszard Czarnecki, Lajos Bokros, Jaroslaw Kalinowski, Janusz  
Wojciechowski**

Data ta' skadenza: 10.5.2010

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fil-Litwanja**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoritajiet Nazzjonali, b'mod partikolari l-Artikoli 10 u 11 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura,
  - A. billi d-drittijiet tal-minoranzi qed jiġu mkasbra fir-Repubblika tal-Litwanja, fejn ingħatat l-ordni li l-ismijiet tat-toroq b'żewġ lingwi jitneħħew, anki f'postijiet fejn il-minoranzi nazzjonali jammontaw għal 80% tal-popolazzjoni,
  - B. billi l-awtoritatijiet Litwani mmultaw lill-kapijiet tal-gvernijiet lokali talli waħħlu ismijiet bilingwi f'postijiet pubbliċi,
  - C. billi l-forma fil-lingwa minoritarja, jiġifieri fil-lingwa oriġinarja, tal-ismijiet u l-kunjomijiet tal-membri tal-minoranzi nazzjonali ma tistax tintuża fid-dokumenti uffiċjali,
  - D. billi l-Gvern Litwan iddeċċieda li jżid in-numru minimu ta' studenti għal kull klassi fl-iskejjel tal-minoranzi nazzjonali, li se jirriżulta fl-għeluq ta' aktar minn 100 klassi mgħallma bil-lingwa minoritarja,
- 1. Jistieden lill-awtoritatijiet Litwani biex iwaqqfu l-prattiki li jiddiskriminaw kontra l-minoranzi nazzjonali u biex jallinjaw il-liġi Litwana dwar il-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali u etniċi mar-rekwiżiti u l-istandardi Ewropej;
- 2. Jistieden lill-Kumsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu azzjoni deċiżiva biex jipproteġu d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fil-Litwanja;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-Gvern Litwan.